MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2009

Numru. 392/2008

**Il-Pulizija**
**Sp Jesmond J Borg**
**vs**
**David Scicluna**
**Konrad Cassar**

**Il-Qorti**

**Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra David Scicluna ta' 23 sena iben Victor u Salvina nee' Baldacchino mwieled Pieta fil-25 ta' Gunju 1984 u residenti 3 Triq ir-Rand St Lucija, Id 322584M.**

**U**

**Konrad Cassar ta' 30 sena iben Paul u Vincenza nee' Gauci mwieled Mtarfa fis-16 ta' Awissu 1977 u residenti See Breeze Court Flat 2, Triq it-Turisti San Pawl il-Bahar, ID 376677M.**

**Akkuzati talli fi Triq Wied Qormi nhar it-30 ta' Settembru 2007 ghall-habta ta' 4.15pm kif wkoll matul l-istess xahar ta' Settembru 2007, fi bnadi ohra f'Malta f'hinijiet differenti kellhom fil-pussess taghhom d-droga kokaina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienux fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinux bil-licenzja jew xort'oħra awtorizzati li jimmanifatturaw, jew li jfornu d-droga msemmija u meta ma kienux b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollhom d-droga msemmija fil-pussess taghhom u naqsu milli jipprovaw li d-droga msemmija giet fornuta lilhom għall-użu taghhom skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta**

**David Scicluna wahdu akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur**

**ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta**

**David Scicluna akkuzat talli fit-2 ta’ Ottubru 2007 ghall-habta ta’ 00.15am fi Triq il-Hammieri Qormi u fil-gurnata ta’ qabel f’hinijiet differenti bnadi ta’ Malta kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta**

**Rat l-ammissjoni ta’ l-imputati ghal dawn l-imputazzjonijiet u ghal daqstant dawn gew ppruvati skond il-ligi.**

**Il-Qorti wara li rat it-Taqsima 4 u 6 , l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kap 101 kif wkoll ir-Regolament 9 tal-GN 292/1939 ssib lill-imputati hatja b’dan il-mod:**

**Konrad Cassar ta’ l-ewwel imputazzjoni biss waqt li David Scicluna hati ta’ l-ewwel u t-tieni u t-tielet imputazzjoni. Fil-fehma tal-Qorti ikun hafna ahjar li minflok tikkundanna lil dawn iz-zewg imputati, tikkundannahom bil-kundizzjoni, fil-kaz ta’ Konrad Cassar li ma jaghmel ebda reat iehor fi zmien 12-il xahar millum u fil-kaz ta’ David Scicluna fi zmien 16-il xahar millum.**

**Il-Qorti spjegat l-Artikolu 22 tal-Kap 446 lill-imputati fi kliem semplici.**

**Tordna d-distruzzjoni tad-droga taht il-harsien tar-Registratur.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------